# Raqdet il-Belt

LILLIAN SCIBERRAS

Sa fl-aħħar il-belt raqdet
u wieħed wara wieħed
intfew id-dwalijiet
u raqdu l-ħsejjes li kkalzrawna
u raqdu ta' l-ikkalzrati l-vuċijiet.

Sa fl-aħħar il-belt strieħet
u strieħ il-lejl għajjien.
Għal waqt ħanin
is-skiet saffa t-triqat battala
u tbattlu minn toqolhom il-ħlejqiet;
u xegħlu fis-smewwiet xemgħat dejjiema
jinfdulna l-lejl mill-bogħod taż-żminijiet.

Sa fl-aħħar il-belt siktet
u nksew l-irkejjen tagħha dlamijiet,
u f'gallarija taħt qawwet il-qamar,
nibtu minn bejn iz-zkuk fwejjaħ u lwien;
u kompla fi triqtu l-lejl
jifrex siktietu mal-passi ta' mixjietu
imelles il-ħolqien bla ma jieqaf imkien.

Sa fl-aħħar il-belt waqfet
u waqaf it-tidwir tar-roti mat-triqat.
Mal-bnedmin, f'soddthom reqdin, straħu tamiethom
li dehrulhom moħbijin fil-mera ta' ħolmiethom;
u f'xatt il-baħar solitarju mewġa tellgħet mill-qiegħ arzella
u fi triqitha lura ħadet magħha ċagħqa għal ġol-fond.